# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 25 ta' Novembru 2016**

**Numru: 10**

**Rikors Numru: 203/03 AE**

**Dottor Anthony Gruppetta u martu Ingrid Gruppetta**

**v.**

**San Salvatore Limited (C 8377)u b'digriet tad-9 ta' Marzu 2006 il-kawza tkompliet fl-isem ta' Camcas Limited (C 11934)**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni mressqa da parti tal-atturi Dottor Anthony Gruppetta u martu Ingrid tas-26 ta' Frar 2003, li fiha jinghad hekk:

> "Peress il in forza ta' konvenju tal-4 ta' Settembru 2002 is-socjeta` konvenuta obbligat ruhha li tbiegh u titrasferixxi lill-atturi il-garaxx internament immarkat bin-numru wiehed (1) formanti parti minn blokk ta' appartamenti bl-isem 'Belgravia Court' sottopost ghall-garaxxijiet li jinsabu f'Tower Road, Sliema, liema garaxx ghandu access minn rampa u drive-way privata minghajr numru li tizbokka fi Triq Karm Galea, Sliema, bil-prezz ta' tmient elef u hames mitt lira (Lm8,500) u

bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha hemm indikati skond kif jirrizulta mill-kopja tal-konvenju li qed tigi hawn annessa u markata Dok. AG1.

"Peress illi fuq l-istess konvenju l-atturi hallsu s-somma ta' tmien mija u hamsin lira maltin (LM850) akkont tal-prezz liema somma bi qbiel giet depozitata f'idejn in-Nutar Dottor Edward Flores.

"Peress illi l-imsemmi konvenju gie sussegwentement imgedded sal-31 ta' Jannar 2003.

"Peress illi nonstante li s-socjeta` konvenuta giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali tal-31 ta' Jannar 2003 sabiex taddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali baqghet inadempjenti.

"Tghid ghalhekk l-istess socjeta` konvenuta ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

"1) Tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta sabiex taddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh tal-garaxx de quo.

"2) Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-istess kuntratt kif ukoll kuratur ghall-eventwali kontumacja.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Jannar 2003 kontra s-socjetà konvenuta ingunta ghas-subizzjoni u b'rizerva ghall-azzjoni ghad-danni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata mis-socjetà San Salvatore Limited li permezz taghha eccepew:

"Illi f' l-ewwel lok l-atturi jridu jaghmlu l-prova li l-ittra ufficjali saret fit-terminu.

"Illi fit-tieni lok l-konvenuti ma humiex f'qaghda jaghtu esekuzzjoni lill-kuntratt billi huma kienu ga precedentement bieghu l-garaxx in kwistjoni lill-terzi u dahlu fil-konvenju bi zball."

Rat id-digriet tal-ewwel Qorti tad-9 ta' Marzu, 2006, li permezz tieghu laqghet it-talba tal-atturi li jigu legittimati l-atti wara li s-socjetà konvenuta giet amalgamata fis-socjetà Camcas Limited (C 11934),

liema socjetà assumiet l-assi u d-debiti kollha tal-istess socjetà konvenuta b'effett mis-16 ta' April, 2004.

Wara li fil-mori tal-proceduri rrizulta li l-garaxx kien mibjugh lill-terzi, l-ewwel Qorti permezz tad-digriet taghha tas-7 ta' Lulju, 2006, laqghet it-talba tal-atturi u awtorizzat illi fic-citazzjoni jizdiedu s-segwenti talbiet:

> "3) Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi minhabba inadempjenza da parti tas-socjeta` konvenuta.
>
> "4) Tillikwida dawn id-danni jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.
>
> "5) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi is-somma hekk likwidata bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal- 31 ta' Jannar 2003.
>
> "6) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tirrifondi lill-atturi is-soma ta' Lm850.00 imhallsa fuq il-konvenju b'depozitu akkont tal-prezz bl-imghax legali."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Settembru, 2012, li permezz taghha iddecidiet il-kawza billi: 1. Cahdet it-talbiet numru 1 u 2 peress li rrizulta li l-bejgh ma jistax isir ghaliex il-fond oggett tal-proceduri kien inbiegh lil terzi; 2. Iddikjarat li l-konvenuta hi responsabbli minhabba li ma onoratx il-weghda ta' bejgh; 3. Illikwidat d-danni fis-somma ta' tmint elef mija u tmien ewro u sittin centezmu (€8,108.60); 4. Ikkundannat lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi tmint elef mija u tmien ewro u sittin centezmu (€8,108.60); 5. Ikkundannat lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' elf disgha mija u tmenin ewro (€1,980), hlas akkont tal-prezz li sar mill-atturi fuq il-konvenju tal-4 ta' Settembru 2002; Bl-ispejjez a karigu tal-konvenuta.

L-ewwel Qorti tat dik is-sentenza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"1. Il-kawza titratta dwar konvenju ffirmat fl-4 ta' Settembru 2002 bejn l-atturi u San Salvatore Limited ghax-xiri ta' garaxx numru 1 fil-blokk Belgravia Court, Tower Road Sliema ghall-prezz ta' Lm8,500. L-atturi talbu biex il-konvenuta tigi kkundannata twettaq il-weghda ta' bejgh. Irrizulta pero li dan ma jistax isir ghaliex il-garaxx inbiegh lil terzi. Fil-fatt permezz ta' kuntratt tat-22 ta' Marzu 2001 pubblikat min-nutar Dr Pierre Falzon, San Salvatore Limited bieghet il-fond lil certu Josephine Sammut. Ghalhekk illum dak li jibqa' rilevanti huma t-talbiet relatati mad-danni. Mill-atti jirrizulta li fil-mori tal-proceduri San Salvatore Limited giet amalgamata fil-kumpannija Camcas Limited.

"2. Fil-qosor il-fatti rilevanti huma:-

"i. Fil-5 ta' Gunju 2002 l-atturi ghamlu konvenju biex jixtru l-appartament numru 9, Belgravia Court, Tower Road, Sliema (fol. 28).

"ii. Fl-4 ta' Settembru 2002 ghamlu l-konvenju ghax-xiri tal-garaxx oggett tal-kawza, li kellu jibqa' jorbot sal-4 ta' Dicembru 2002.

"iii. Fis-17 ta' Settembru 2002 gie ppubblikat il-kuntratt ta' xiri tal-appartament.

"iv. Fit-28 ta' Settembru 2002 saret estensjoni tal-konvenju tal-garaxx sal-31 ta' Jannar 2003.

"v. Fil-31 ta' Jannar 2003 l-atturi pprezentaw ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili. Jirrizulta ghalhekk li l-ewwel eccezzjoni hi minghajr bazi, ghaliex l-interpellazzjoni saret fit-terminu.

"vi. Fit-22 ta' Ottubru 2003 l-atturi bieghu l-appartament.

"3. Il-weghda ta' bejgh li ghamlet San Salvatore gabet maghha '…..l-obbligu li jaghmel il-bejgh, jew, jekk il-bejgh ma jkunx jista' izjed isir, l-obbligu li jhallas id-danni lill-accettant.' (Artikolu 1357 tal-Kodici Civili). Fid-dikjarazzjoni guramentata li ghamel Anton Camilleri, direttur ta' San Salvatore Limited, kien qal li meta sar il-konvenju kienu urew l-incertezza taghhom dwar jekk il-garaxx kienx diga' nbiegh lil terzi, '…. u fil-fatt talbu lin-nutar inkarigat biex jivverifika liema garaxxijiet kienu mibjughin u x'kien fadal proprjeta tal-

kumpannija.'. Fatti li l-attur cahad. Madankollu, irrispettivament ta' x'inhi l-verita, jibqa' l-fatt li San Salvatore Limited ghamlet weghda ta' bejgh. Hi l-ligi stess li tipprovdi li jekk il-bejgh ma jkunx jista' jsir, min ikun accetta l-weghda ghandu l-jedd jirreklama d-danni minghand min ikun ghamel il-weghda. Il-weghda li ghamlet San Salvatore Limited hi minghajr kwalifika jew rizerva, fis-sens li ma jkun hemm l-ebda obbligu reciproku jekk jirrizulta li l-bejgh ma jistax isir. Il-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni dwar jekk ix-xerrej ikunx gie nfurmat, fuq il-konvenju jew xi estensjoni, dwar il-possibilita' li l-fond oggett tal-konvenju diga' inbiegh. Ghalkemm fid-difiza jinghad li San Salvatore Limited dahlet fil-konvenju bi zball, din m'hijiex skuzanti. Jekk, kif xehed Anton Camilleri, kien hemm incertezza dwar jekk kienux diga' bieghu l-garaxx oggett tal-konvenju, m'hijiex kwistjoni ta' zball. L-izball kien jezisti jekk il-bejjiegh ikun konvint li l-fond hu proprjeta tieghu u wara jirrizulta li m'huwiex. Il-qorti lanqas ma tista' tifhem kif wiehed jista' jinvoka l-izball jekk qabel ghamel il-weghda kellu kull opportunita li jivverifika biex jaccerta ruhu li jista' jaghmel il-weghda ta' bejgh. Il-konvenju gab mieghu l-obbligu fuq il-bejjiegh li jwettaq il-bejgh.

"4. L-attur xehed:-

'Inzid ukoll illi dan il-garaxx jinsab fl-istess blokk fejn jiena xtrajt l-appartament u bhala kobor fih tista' tqieghed karozza wahda. Minhabba l-problema li rrizultat fis-sens li rrizulta mir-ricerki li ghamillli n-nutar li l-garaxx mhuwiex proprjeta ta' San Salvatore Ltd, jien u marti ddecidejna li nbieghu l-appartament peress li tas-Sliema appartament bla garaxx ma tinqedix.' (fol. 114).

"Verzjoni li m'hijiex kontradetta, u ma tressaq l-ebda argument jew prova kuntrarja li jistghu jwasslu lill-qorti biex tiddubita jekk tirriflettix il-fatti. Dan iktar u iktar meta tqies li l-atturi bieghu l-appartament ftit iktar minn sena wara li xtrawh, u tmien xhur wara li pprezentaw il-kawza. Dan apparti li l-probabilita hi li d-decizjoni li l-fond jinbiegh kienet ittiehdet qabel minhabba l-konvenju li normalment isir qabel l-att ta' bejgh. Inoltre, hu fatt maghruf kemm hu difficli li tixtri garaxx biss gewwa tas-Sliema.

"5. L-atturi pprezentaw prospett dwar id-danni. Meta xehed fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2011, l-attur qal li 'Jiena min-naha tieghi qieghed nippretendi danni f'ammont ta' Lm5,843'. Fil-prospett li pprezentaw (Dok. AG1 a fol. 102) jissemmew zewg cifri:-

"i. Lm4,161.38 bhala 'capital loss on sale of property', li jinkludi pretensjoni ghal hlas ta' imghax li thallas lill-bank fuq self, maintenance allowance ta' 0.4% fis-sena, u dik li jirreferu ghaliha bhala Inflation Index Allowance.

"ii. Lm5,483.97 bhala 'total damages on transaction'. Dawn id-danni jirreferu ghall-ispejjez relatati ma' spejjez li kienu lehqu saru ghax-xiri tal-garaxx, u spejjez relatati ghax-xiri tal-appartament, konsum

ta' dawl u ilma u hlas lill-assocjazzjoni tar-residenti tal-blokk Belgravia Court.

"F'dan il-kuntest il-qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

"i. Fil-fehma tal-qorti l-ispejjez relatati max-xiri tal-appartament ma jistghux jintalbu. F'dan ir-rigward l-atturi ma taw l-ebda spjegazzjoni ta' x'ness hemm bejn il-ksur tal-weghda min-naha tal-venditur u l-ispejjez li qeghdin jippretendu. Meta raw li x-xerrej ma resaqx ghall-kuntratt ta' bejgh tal-garaxx, l-atturi ddecidew li jbieghu l-appartament. Din kienet decizjoni taghhom, li kellhom kull dritt li jaghmlu. Pero b'daqshekk ma jfissirx li ghandhom xi jedd li jirkurpraw l-ispejjez li ghamlu biex xtraw l-appartament. L-atturi qieshom iridu jghidu li ma kienux jixtru l-appartament kieku kienu jafu li l-garaxx kien diga' nbiegh lil terzi. Jekk dan hu r-ragunament wara t-talba ghal dawn l-ispejjez, il-qorti lanqas ma taqbel. Rajna kif il-konvenju ghax-xiri tal-appartament gie ffirmat fil-5 ta' Gunju 2002, cjoe' xahrejn qabel il-konvenju ghax-xiri tal-garaxx. Ghaldaqstant l-atturi kienu obbligati li jwettqu l-weghda li ghamlu precedentement ghall-konvenju tal-garaxx, irrispettivament minn dak li gara fir-rigward tal-garaxx. Sahansitra fil-konvenju tal-5 ta' Gunju 2002 m'hemm l-ebda kundizzjoni li l-atturi jkunu obbligati jixtru l-appartamenti diment li jkunu ghamlu konvenju jew ikunu diga' xtraw appartament. Il-fatt li ffirmaw il-konvenju ghax-xiri tal-garaxx ftit granet qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' xiri tal-apartament (17 ta' Settembru 2002) ma jbiddel xejn mill-konkluzjoni tal-qorti li f'dan ir-rigward m'hemmx ness bejn il-ksur tal-weghda u l-ispejjez ghax-xiri tal-appartament. L-istess ragunament japplika fir-rigward ta' spejjez relatati ma' kontijiet ta' dawl u ilma u hlas lill-Assocjazzjoni tar-Residenti, hlas ta' imghax fuq self li nghata mill-bank u maintenance allowance. F'kull kaz fir-rigward ta' din l-ahhar item ma saret l-ebda prova li l-atturi effettivament ghamlu xi spejjez ta' manutenzjoni.

"ii. Fil-fehma tal-qorti l-atturi ghandhom dritt biss li jirreklamaw danni li huma:-

"(a) Spejjez li ghamlu wara l-4 ta' Settembru 2002 in konnessjoni max-xiri tal-garaxx, fl-ammont ta' Lm108.60, cjoe Lm15 Middle Sea Insurance Policy u Lm93.60 Life Link cover.

"(b) Telf ta' qliegh meta ddecidew li jbieghu l-appartament minghajr garaxx. Il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li kieku l-appartament kellu garaxx mieghu, il-qliegh kien ikun iktar. Wiehed ma jridx jinsa li l-garaxx li kienu ser jixtru l-atturi kien fl-istess blokk tal-appartament, li kien f'Tower Road Sliema. Hu fatt maghruf kemm hu essenzjali li jkollok garaxx ma' appartament f'Tower Road, Sliema. Il-qorti m'ghandix dubju li dan in-nuqqas effetwa fin-negattiv il-prezz tal-appartament.

> Fic-cirkostanzi l-qorti ser tillikwida arbitrio boni viri s-somma ta' tmint elef ewro (€8,000)."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjetà konvenuta Camcas Limited (C-11934), ipprezentat fit-8 ta' Ottubru, 2012, u li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Settembru, 2012, fl-ismijiet premessi, billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu cahdet l-ewwel zewg talbiet attrici, thassar is-sentenza appellata fil-bqija u b'hekk tichad it-talbiet kollha tal-atturi appellati, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Rat ir-risposta tal-appell tal-atturi appellati Dottor Anthony Gruppetta u martu Ingrid Gruppetta, li in forza taghha u ghar-ragunijiet minnhom moghtija, talbu illi din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichad l-appell intavolat mis-socjetà konvenuta u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà konvenuta.

Rat li fis-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2016, il-partijiet ittrattaw l-appell u l-appell baqa' differit ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ikkonsidrat:

Illi permezz tal-ewwel aggravju taghha s-socjetà konvenuta tilmenta li l-ewwel Qorti ma tatx konsiderazzoni denja tal-posizzjoni taghha u dan jinghad minnha fil-kuntest li meta hija dahlet fuq il-konvenju mal-atturi appellati dwar garaxx li sussegwentement irrizulta li kien diga mibjugh minnha, dan m'ghamlitux b'qerq, malizzja jew ingann min-naha taghha, izda kien konsegwenza ta' zball li hija ghamlet peress li fl-istess blokka kien hemm 'il fuq minn sittin garaxx mifruxin fuq zewg sulari. Ghalhekk is-socjetà konvenuta tikkontendi li hija m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghad-danni u, fi kwalsiasi kaz, l-unika somma li kellhom jithallsu lura l-atturi appellati kien id-depozitu fuq il-konvenju, liema somma inzammet min-Nutar inkarigat mill-atturi appellati u ghalhekk tishaq li m'ghandha xejn fil-pussess taghha x'tirrifondi lill-atturi appellati. Ghandu jinghad mal-ewwel li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti ta' revizjoni tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti.

Trattat issa l-meritu tal-appell, din il-Qorti tibda biex tirreferi ghall-Artikolu 1357(1) tal-Kodici Civili li jipprovdi:

> *"Il-weghda ta' bejgh ta' haga bi prezz determinat, jew bi prezz li ghandu jigi stabbilit minn persuna wahda jew izjed bhalma jinghad fl-artikoli ta' qabel dan, ma titqiesx bejgh; izda, jekk tigi accettata, iggib, f'dak li wieghed****, l-obbligu li jaghmel il-bejgh, jew, jekk il-bejgh ma jkunx jista' izjed isir, l-obbligu li jhallas id-danni lill-accettant."***

Kif gustament rilevat mill-ewwel Qorti, s-socjetà konvenuta San Salvatore Limited fuq il-konvenju ghamlet weghda ta' bejgh minghajr kwalifiki ta' xejn, filwaqt li l-ligi tipprovdi li jekk il-bejgh ma jkunx jista' jsir, min ikun accetta l-weghda, ghandu d-dritt li jitlob id-danni minghand min ikun ghamel il-weghda. Zball mhux skuzanti sabiex min iwieghed jezimi ruhu mill-obbligazzjonijiet minnu maghmula. Kif tajjeb josservaw l-appellati fir-risposta taghhom, il-ligi tobbliga lil min ma jonorax il-weghda ta' bejgh sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni irrispettivament minn jekk kienx hemm jew le l-elementi ta' qerq, malizzja jew ingann.

In kwantu s-socjetà appellanti tilmenta wkoll li d-danni m'ghandhom qatt jeccedu l-hlas lura tas-somma mhallsa bhala depozitu fuq il-konvenju, minn qari tal-artikolu in ezami din il-Qorti ma tirriskontra ebda limitazzjoni fuq il-hlas tad-danni, kif tippretendi s-socjetà appellanti.

Is-socjetà appellanti tishaq ukoll li fi kwalunkwè kaz, is-somma mhallsa bhala depozitu inzammet min-nutar u ma giet qatt mghoddija lilha. Ghandu jinghad li hadd mill-partijiet ma ressaq lin-nutar biex jixhed u lanqas ma saret talba sabiex l-istess nutar jissejjah fil-kawza. Madankollu, fil-fehma tal-Qorti huwa l-bejjiegh prospettiv li jibqa'

responsabbli ghar-rifuzjoni tad-depozitu li jkun sar fuq il-weghda ta' bejgh u ghalhekk f'dan il-kaz hija s-socjetà konvenuta li ghandha taghmel tajjeb ghan-nuqqas taghha li twettaq dak li weghdet.

Ghalhekk din il-Qorti jidrilha li l-ewwel Qorti ghamlet analizi korretta tal-fatti tal-kaz u jsegwi li l-ewwel aggravju tas-socjetà appellanti ma jimmeritax li jintlaqa'.

It-tieni u t-tielet aggravji ser jigu trattati f'daqqa in kwantu permezz taghhom is-socjetà konvenuta tattakka n-nuqqas ta' ness bejn id-danni reklamati u l-fatt li l-kuntratt ta' bejgh ma setax isir, kif ukoll li d-danni likwidati *arbitrio boni viri* mill-ewwel Qorti huma ritenuti soggettivi u mhux sufragati b'xi provi li tressqu da parti tal-atturi.

In kwantu ghall-ilment tas-socjetà konvenuta relativament ghall-likwidazzjoni *arbitrio boni viri* maghmul mill-ewwel Qorti, din il-Qorti ssib li dan l-ilment tas-socjetà appellanti ghandu mis-sewwa, peress li l-atturi appellati naqqsu milli jressqu kwalunkwè prova dwar kif in-nuqqas t'akkwist tal-garaxx kellu impatt negattiv fil-bejgh tal-appartament taghhom u l-estent tad-danni konsegwenzjali ghall-istess nuqqas.

F'dan il-kuntest, kif kellha okkazjoni din il-Qorti tirrileva fis-sentenza taghha tat-30 ta' Settembru, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Joanna Camilleri et v. Paulmid Developments Limited**:

> "*[1] Hu principju kardinali f'materja ta' prova, u anke skolpit fl-Artikolu 562. Tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat u ghalhekk l-oneru tal-prova mhux biss tad-danni riskontrati izda wkoll tal-quantum tal-ispejjez riparatorji tispetta lill-atturi li ressqu t-talba sabiex l-Qorti "tillikwida dik il-parti mill-prezz dovuta lura lill-atturi minhabba l-imsemmija difetti u dan ghat-termini tal-ligi biex taghmel tajjeb ghall-imsemmija difetti".*
>
> "*[2] Il-Qorti ghandha tasal ghad-decizjoni taghha abbazi tal-principju iuxta allegata et probata u m'ghandhiex tirrikorri ghall-fakoltà li tiddeciedi arbitrio boni viri meta min jallega l-fatt kellu l-opportunità kollha li jressaq provi in sostenn ta' dak il-fatt u tali provi kienu disponibbli ghalih.*
>
> "*Hija flokha l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza App. 238/05 Rita Busuttil noe et v. Raymond Busuttil, deciza fis-27 ta' Novembru 2015:*
>
>> *"12. Rigward it -talba taghha sabiex din il-Qorti tiffissa ammont xieraq ta' flus rapprezentanti sehemha mill-mobbli komprizi fil-komunjoni tal-akkwisti u wkoll il-valur tal-beni parafernali taghha, din il-Qorti tosserva li din it-talba ma tistax tintlaqa' ghax hija priva mis-substratt fattwali li jehtieg li jkollha biex tkun fil-pozizzjoni li tasal ghall-ammont arbitrio boni viri. Fi kliem iehor, mill-provi ma jirrizulltawx fatti li fuqhom il-Qorti tista' tasal ghal xi ammont kif mitluba mill-attrici fl-aggravju taghha. ….. Fin-nuqqas ta' prova ta' fatti sufficjenti li fuqhom il-Qorti tista' logikament tistabbilixxi ammont rapprezentanti valur tal-mobbli il-komputazzjoni ta' ammont fissat ma jkunx gie stabbilit arbitrio boni viri, imma jkun ammont stabbilit b'mod arbitrarju. Ghalhekk ghandu jirrizulta car li din it-talba ma tistax treggi.*"

Hekk ukoll f'dan il-kaz il-Qorti tosserva li l-atturi appellati naqsu milli jressqu prova dwar l-impatt jew ahjar it-telf effettiv li n-nuqqas li jakkwistaw il-garaxx setgha kellu b'mod dirett fuq il-bejgh tal-appartament taghhom, bhal stima ta' perit tekniku jew ta' agent li jahdem fil-qasam tal-bejgh ta' proprjetà, liema prova setghet facilment

issostni t-talba taghhom. Fil-fehma ta' din il-Qorti, fin-nuqqas ta' prova cara f'dan ir-rigward, l-ewwel Qorti kellha tillimita ruhha fil-likwidazzjoni tad-danni ghal dawk l-ammonti li l-atturi appellati nkorrew direttament mal-akkwist tal-garaxx hekk kif rizultanti mill-atti processwali, jigifieri Lm15 Middle Sea Insurance Policy u Lm 93.60 Life Link Cover, total ta' Lm108.60, ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u hamsin euro u sebgha u disghin centezmu (€252.97).

Ghalhekk tikkonsidra dawn l-aggravji bhala gustifikati u ser tilqaghhom limitatament kif inghad.

Ghaldaqstant, din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjetà konvenuta Camcas Limited billi tilqghu limitatament u filwaqt li tikkonferma l-ewwel kap tas-sentenza fejn cahdet it-talbiet numru 1 u 2 peress li rrizulta li l-bejgh ma jistax isir ghaliex il-fond inbiegh lil terzi, t-tieni kap fejn iddikjarat is-socjetà konvenuta responsabbli ghad-danni peress li ma onoratx il-weghda ta' bejgh, u l-hames kap sa fejn ikkundannat lis-socjetà konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elf disgha mija u tmenin ewro (€1,980), hlas akkont tal-prezz li sar mill-atturi fuq il-konvenju tal-4 ta' Settembru 2002; tirriforma s-sentenza appellata billi tillikwida d-danni fis-somma ta' mitejn u tnejn u hamsin euro u sebgha u disghin centezmu (€252.97) u tikkundanna lis-socjetà

konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tnejn u hamsin euro u sebgha u disghin centezmu (€252.97).

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal kwart mill-atturi u tlett kwarti mis-socjetà konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df